**10 ta' Lulju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Martin Dimech; *Omissis*

**Kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati - Serq *Furto d'Uso***

*L-artikolu 367 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem ċar dwar liema huma u kif jissejħu l-Qrati Inferjuri li għandhom kompetenza kriminali; dawn jisssejħu "Qrati tal-Maġistrati" u huma tnejn, waħda għal*

*Gżira ta' Malta u l-oħra għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna. Kull Qorti tal-Maġistrati, imbagħad għandha żewġ attribuzzjonijiet: waħda ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-oħra ta' Qorti Istruttorja, skond in-natura tar-reat li jkollha quddiemha (u salv dak li jipprovdu l-artikoli 370 u 433 (3) tal-Kodiċi Kriminali). Dik il-Qorti, però, tissejjaħ proprju "Qorti tal-Maġistrati", u, wara l-bidu fis-seħħ ta' l-Att VIII ta' l-1990 (illum il-Kap. 340) dik il-Qorti għandha tissejjaħ "Qorti tal-Maġistrati (Malta)" jew "Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)" skond il-każ. Kif ġie ripetutament deċiż mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, l-indikazzjoni ta' jekk hijiex Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew Qorti Istruttorja (jiġifieri l-indikazzjoni ta' l-attribuzzjoni) hi meħtieġa biss, skond l-imsemmi Kap. 340, meta jkun qed jiġi ppreżentat xi att fil-Qrati tal-Maġistrati. Hu evidenti li l-pronunzjament ta' sentenza ma jistax jiġi ekwiparat mal-preżentata ta' xi att.*

*Il-ħsieb ta' gwadan* - animus lucrandi - *fis-serq mhux neċessarjament ikun gwadan pekunjarju dovut għar-reċiklaġġ ta' l-oġġett misruq. Il-gwadann magħmul mill-użu tal-ħaġa huwa biżżejjed. Infatti, dak li jissejjaħ* furto d'uso *hu* furto, *serq, fejn proprju l-gwadann hu magħmul jikkonsisti mill-użu ankorkè temporanju, ta' l-oġġett.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Martin Dimech u Giovanni Grasso talli:

Fil-jiem qabel is-17 ta' Ottubru, 1994 mill-Imsida kkommettew serq ta' *yacht* bl-isem ta' *Wild Turkey*, numru ta' reġistrazzjoni 339803, għad-dannu ta' Frank Grima u persuni oħra, li l-valur tiegħu hu ta' aktar minn elf lira, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u ħin;

Talli f'dawn il-Gżejjer, fil-jiem qabel is-17 ta' Ottubru, 1994, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa

meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew, xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex ibigħuhom jew imexxuhom;

F'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fil-15 ta' Ottubru, 1994 u/jew f'xi data qabel, ġewwa l-Port ta' Marsaxlokk, kellhom fil-pussess tagħhom u/ew taħt il-kontroll tagħhom *motor yacht Wild Turkey Official number* 339803 u abbord l-istess *motor yacht* instab li kellhom fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tagħhom kwantità ta' sigaretti ta' marki differenti (skond kif jidher fin-nota ta' qbid 75/94) meta huma kienu jafu li l-importazzjoni tagħhom hija ristretta, b'valur totali ta' Lm19,019.00,0 (dsatax-il elf u dsatax-il lira). Dazju Lm44,044.00,0 (erbgħa u erbgħin elf u erbgħa u erbgħin lira), liema dazju ma ġiex imħallas u jew ikkawtelat u dan bi ksur ta' l-artikoli 60 (a), (ċ), (ħ), (k) u 62 (a), (b), (ċ), (ġ), (ħ), (i), (k), 68 (1), 69 (1), (2) u l-iskeda ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37; il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija terz tal-piena ta' flus titqies bħala dejn ċivili u tiġi hekk iddikjarata mill-Qorti fis-sentenza bħala li hija dovuta u li għandha tiġi mħallsa lill-Gvern ta' Malta;

Martin Dimech biss kien akkużat li hu reċidiv b'sentenzi tat-12/11/90 u 6/6/94; u

L-imsemmija Dimech u Grasso kienu akkużati ukoll talli għamlu ħsara volontarja fuq l-imsemmi *cabin cruiser Wild Turkey* li tammonta għall-aktar minn ħamsin lira (Lm50) iżda anqas minn ħames mitt lira (Lm500) għad-dannu ta' sidha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-29 ta' Novembru, 1995 mogħtija fil-konfront ta' Martin Dimech (peress li fil-konfront ta' Giovanni Grasso kienet ingħatat sentenza separata fit-23 ta' Ġunju, 1995) li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Martin Dimech ħati skond l-

imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, ikkundannatu għall-piena ta' sitt (6) snin priġunerija (li minnu għandu jitnaqqas il-perijodu li fih huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ) kif ukoll għal multa ta' tnejn u tmenin elf u tnejn u tmenin lira (Lm82,082.00,0) li terz minnu, u ċjoè Lm27,360.66,0, ġie ddikjarat li huwa dejn ċivili ta' l-istess Martin Dimech favur il-Gvern ta' Malta; dik il-Qorti ordnat il-konfiska ta' l-oġġetti indikati fin-nota ta' qbid 75/94 favur il-Gvern ta' Malta, u ordnat ukoll li l-*yacht* bl-isem *Wild Turkey* jiġi immedjatament rilaxxat favur sidu Francis *sive* Frank Grima;

Rat it-talba ta' l-imsemmi Martin Dimech għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza, liema talba ġiet milquha fid-29 ta' Novembru, 1995; rat ir-rikors ta' appell tiegħu tas-7 ta' Diċembru, 1995 li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew altrimenti r-riforma tagħha kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta' Frar, 1998; ikkunsidrat:

Il-Qorti qabel xejn tosserva li bis-sentenza preliminari tagħha tal-15 ta' Novembru, 1996; hija kienet ammettiet biex jerġa' jixhed lil John Mary Farrugia. Dan però, baqa' ma ġiex prodott, u għalhekk il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawża (ara l-verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' Frar, 1998);

L-aggravji ta' l-appellant huma, bażikament, riproduzzjoni tas-sottomissjonijiet minnu magħmula fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu ppreżentata quddiem l-Ewwel Qorti fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 1995 (fol. 283), però b'żieda żgħira magħha. Infatti l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li s-sentenza hija nulla għax ingħatat "minn Qorti li ma għandha ebda

kompetenza penali stante li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għandha biss ġurisdizzjoni ċivili". Presumibbilment l-appellant qed iqajjem dan l-aggravju għax fil-kopja dattiloskritta tas-sentenza a fol. 331 ta' l-atti, l-intestatura stampata fuq l-ewwel paġna taqra "Qorti tal-Maġistrati (Malta)" u mhux "Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali". Dan l-aggravju hu wieħed fieragħ għal diversi raġunijiet. L-artikolu 367 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem ċar dwar liema huma u kif jissejħu l-Qrati Inferjui li għandhom kompetenza kriminali; dawn jissejħu "Qrati tal-Maġistrati" u huma tnejn, waħda għall-Gżira ta' Malta u l-oħra għall-Gżejjer ta' Għawdex *u Kemmuna*. Kull Qorti tal-Maġistrati, imbagħad, għandha żewġ attribuzzjonijiet, waħda ta' Qorti ta' Ġudikatura *Kriminali*, u *l-*oħra ta' Qorti Istruttorja, skond in-natura tar-reat li jkollha quddiemha (u salv dak li jipprovdu l-artikoli 370 u 433 (5) tal-Kodiċi Kriminali). Dik il-Qorti, però, tissejjaħ proprju "Qorti tal-Maġistrati" u, wara l-bidu fis-seħħ ta' l-Att VIII ta' l-1990 (illum il-Kap. 340), dik il-Qorti għandha tissejjaħ "Qorti tal-Maġistrati (Malta)" jew "Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)" skond il-każ. Kif ġie ripetutament deċiż minn din il-Qorti, diversament presjeduta, l-indikazzjoni ta' jekk hijiex Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew Qorti Istruttorja (jiġifieri *l-indikazzjoni ta' l-*attribuzzjoni) hi meħtieġa biss, skond l-imsemmi Kap. 340, meta jkun qed jiġi ppreżentat xi att fil-Qrati tal-Maġistrati. Hu evidenti li l-pronunzjament ta' sentenza ma jistax jiġi ekwiparat mal-preżentata ta' xi att. Għalhekk dana l-aggravju qed jiġi respint;

It-tieni aggravju hu, bażikament, *li* l-Ewwel *Qorti għamlet* apprezzament ħażin, anzi apprezzament leġġer, tal-fatti b'mod għalhekk li sabet lill-appellant ħati ħażin;

*Omissis*;

Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li kien hemm l-elementi kollha għar-reat ta' serq tal-*Wild Turkey*, u ċjoè: (i) l-impossessament ta' l-imsemmi *yacht*; (ii) li kien proprjetà ta' ħaddieħor; (iii) bil-konsapevolezza fl-aġent li qed jieħu oġġett ta' ħaddieħor; u (iv) mingħajr il-kunsens tas-sid jew tal-posessur ta' l-istess oġġett; u finalment (v) bil-ħsieb ta' gwadann. Dan il-ħsieb ta' gwadann - *animus lucrandi* - fis-serq mhux neċessarjament ikun gwadann pekunjarju dovut għar-reċiklaġġ ta' l-oġġett misruq. Il-gwadann magħmul mill-użu tal-ħaġa huwa biżżejjed. Infatti dak li jissejjaħ *furto d'uso* hu *furto*, serq, fejn proprju l-gwadann hu magħmul jikkonsisti mill-użu, ankorkè temporanju, ta' l-oġġett (ara l-artikolu 288 tal-Kodiċi Kriminali). Biex tikkonkludi, din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant sempliċement abbuża mill-ħbiberija li kellu ma' Farrugia u qed jipprova jinqeda b'parti mill-offerta li kien għamillu Farrugia li jekk isib lil xi ħadd li jaf isuq il-*yacht* hu, Farrugia, kien lest li jħallih joħroġ bih. Għalhekk dana l-ewwel aggravju qed jiġi respint;

Aggravju ieħor ta' l-appellant jirrigwarda l-akkuża taħt l-Ordinanza tad-Dwana. L-appellant jikkontendi li ma kinux applikabbli l-pieni kkontemplati f'din l-Ordinanza u dan in virtù tal-paragrafu (ċ) tal-proviso ta' l-artikolu 62 tal-Kap. 37 li jgħid hekk:

"Il-pieni mposti b'dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' reat li jkollu x'jaqsam ma' l-importazzjoni ta' oġġetti kuntrarjament għal projbizzjoni jew restrizzjoni meta jkun hemm piena espressament għal dak ir-reat bil-liġi jew att ieħor li jimponi l-projbizzjoni jew restrizzjoni" (sottolinear ta' din il-Qorti);

Bażikament l-appellant jikkontendi li hemm liġijiet oħra li jipprovdu dwar il-projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-

importazzjoni ta' siġaretti u konsegwentement kellhom jiġu applikati dawk il-pieni l-oħra u mhux il-pieni kkontemplati fl-artikolu 62 tal-Kap. 37. Dan l-aggravju, għalkemm inġenjuż, ser jiġi respint, u dan għal raġuni sempliċi. Apparti kwistjonijiet oħra dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-paragrafu - kwistjonijiet li però din il-Qorti mhix ser tidħol fihom għax mhumiex relevanti għall-każ in diżamina - dan il-paragrafu japplika biss meta si tratta ta' reat ta' importazzjoni ta' xi oġġett. Fil-każ odjern ir-reat ipotizzat fit-tielet imputazzjoni, u r-reat li effettivament jirriżulta mill-provi, hu dak ta' pusses xjenti ta' oġġetti li fuqhom ma kienx tħallas dażju u mhux ta' importazzjoni ta' dawk l-oġġetti. Huwa veru li fl-imputazzjoni hemm referenza għal diversi paragrafi ta' l-artikolu 62 u mhux għall-paragrafu (ġ) biss, iżda dan isir *ex abundanti cautela*, apparti l-fatt li l-paragrafu (ġ) jagħmel referenza impliċita għall-paragrafi preċedenti. Għalhekk l-imsemmi paragrafu (ċ) tal-*proviso* ta' l-artikolu 62 imsemmi mhux applikabbli, u konsegwentement għar-reat taħt it-tielet imputazzjoni, huma applikabbli l-pieni kkontemplati fl-istess artikolu 62;

L-appellant jilmenta ukoll dwar il-piena. Din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi kollha hi tal-fehma li l-appellant hawnhekk għandu in parti raġun. L-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati skond l-imputazzjonijiet kollha. Din il-Qorti, però, ma tistax taqbel. It-tieni imputazzjoni - dik ta' riċettazzjoni - minn imkien ma tirriżulta ppruvata. Anqas ma tirriżulta r-raba' imputazzjoni - ma ġew prodotti ebda sentenzi biex jippruvaw ir-reċidiva. Fl-aħħarnett anke l-ħames imputazzjoni - dwar il-ħsara volontarja - ma tirriżultax ippruvata. Anqas ma jirriżulta sodisfaċentement ippruvati l-aggravji tal-mezz u tal-ħin fir-rigward ta' l-imputazzjoni ta' serq. Dawn iċ-ċirkostanzi neċessarjament ser iġibu riduzzjoni fil-piena;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza

appellata billi tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lil Martin Dimech ħati skond it-tieni, *ir-raba'* u *l-ħames* imputazzjoni, mil-liema imputazzjonijiet qed tilliberah, tħassarha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu sitt snin priġunerija u minflok tikkundannah tliet (3) snin priġunerija (mil-liema perijodu għandu jitnaqqas il-perijodu li hu għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ); u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija b'dan però li qed jiġi ddikjarat li s-serq kien kwalifikat bil-valur biss.

---